MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Mandat Numru. 655/2008/1

**Anna Rossi**

**vs**

**Stephen Rossi u Parina Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta ta` Stephen Rossi.

Rat ir-risposta ta` Parina Limited.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti permezz tal-proceduri odjerni qed titlob lill-Qorti tordna li ma jsirx trasferiment ta` sailing yacht.

L-intimat Stephen Rossi jikkontendi illi l-yacht in kwistjoni huwa proprjeta` ta` socjeta` Parina Limited li taghha huwa biss azzjonist u direttur. Hu jghid wkoll li hemm bizzejjed flus ohra maqbuda biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Min-naha taghha s-socjeta` Parina Ltd tikkontendi li, galadarba hawnhekk wiehed mhux qed jitkellem fuq proprjeta` immobbli (u allura kien japplika l-Art. 876 (b)), is-socjeta` intimata ma tistax tigi inibita milli tbiegh proprjeta` taghha. Is-socjeta` tikkontendi li r-rikorrenti m`ghandha ebda dritt, lanqas prima facie, fil-konfront tal-istess socjeta`.

Il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-eccezzjoni ta` nuqqas ta` kompetenza taghha. Ma ngiebet lill-Qorti ebda raguni valida li tista` twassal lil din il-Qorti biex tiddikjara l-inkompetenza u ghalhekk qed tiskartaha minnufih.

L-ewwel konsiderazzjoni li qed taghmel il-Qorti tirrigwarda l-yacht innifsu. Il-yacht inxtara waqt iz-zwieg minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-partijiet. Dan il-fatt innifsu jressaq wiehed biex jindaga oltre fis-sitwazzjoni u dan fl-isfond ta` dak li qed jintalab fir-rikors odjern.

Il-Qorti tikkonsidra t-talba li ghandha quddiemha l-ewwel fil-konfront ta` Stephen Rossi personalment u mbaghad fil-konfront tas-socjeta` Parina Limited.

Fil-konfront tal-intimat Stephen Rossi, il-Qorti tikkonsidra li ma tistax taccetta *sic et simpliciter* il-fatt li l-yacht m`huwiex tieghu pero` jappartjeni lis-socjeta`. Hadd ma jista` jahrab mill-fatt li l-ishma kollha tas-socjeta` (hlief wiehed minn hames mija) jappartjenu lill-istess Stephen Rossi. Mhux talli hekk, talli hu wkoll l-uniku direttur taghha.

Id-decizjonijiet tas-socjeta` konsegwentement jiddependu mill-volonta` tieghu u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li fil-konfront tieghu il-mandat ghandu jintlaqa`.

Ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` intimata, din issostni li r-rikorrenti m`ghandha ebda jeddijiet fil-konfront taghha. Ta` min jinnota li l-ishma tal-kumpanija gew akkwistati waqt iz-zwieg. Konsegwentement, tezisti l-presunzjoni li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-yacht gie trasferit lis-socjeta` u huwa l-uniku assi ezistenti tal-istess socjeta`. Inoltre, jidher illi jezistu wkoll shareholder's loans li jaffettwaw lir-rikorrenti. F`dan ix-xenarju, il-Qorti ma tistax taccetta illi r-rikorrenti m`ghandha ebda jedd prima facie fil-konfront tas-socjeta`. Ir-rikorrenti jidher li ghandha dritt u dan jixraqlu li jigi evalwat dettaljatament fil-proceduri appositi.

Il-Qorti hawnhekk tixtieq tirrimarka illi dak li qal il-wisq abbli difensur tas-socjeta` intimata cioe` illi jekk kellu jinbiegh il-yacht, xorta wahda jibqa` l-flus huwa argument li din il-Qorti m`hijiex disposta taccetta f`dan il-kuntest. Il-yacht huwa wiehed u uniku. Anki kieku kellhom jigu sekwestrati l-flus rikavati mill-eventwali bejgh tieghu immedjatament, il-yacht xorta ikun telaq. Din il-Qorti thoss li f`dan ix-xenarju din tkun hsara irrimedjabbli.

Fl-ahharnet, il-Qorti qeghda formalment turi n-nuqqas ta` qbil taghha mat-ton kwazi ta` minaccja li uzat is-socjeta` intimata meta qalet li jistghu ma jibqghux jithallsu l-ispejjez konnessi mal-yacht. Din il-minaccja poverament velata ma tawgurax tajjeb ghal soluzzjoni pacifika tal-hafna vertenzi ezistenti bejn il-partijiet, u l-Qorti hawn tistieden ir-rikonsiderazzjoni taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` definittivament it-talba kif dedotta fir-rikors promotur fil-konfront taz-zewg intimati.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------